MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-7 ta' April, 2015

Talba Numru. 426/2014

**Visual & Sound Communications Ltd C6189**

**vs**

**Simon Xuereb ID280280M**
**Christopher Schinas ID 321282M**
**Matthew Muscat Inglott ID 461795M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob li l-Konvenuti jigu kundannati, *in solidum*, li jhallsuha l-*quantum* ta' elf u dsatax-il Ewro bilanc dovut skond "statement" datat 24 ta' Settembru 2012 (Dok A mal-AVVIZ) u dana ghal diversi servizzi kif indikat fid-Dok A, in konnessjoni mal-kirja tal-fond Level 3, 380 Manwel Dimech Street, Sliema. Bl-ispejjes.

B'RISPOSTA tressaq hekk:-

1. Is-Socjeta' Attrici ghandha tipprova l-interess guridiku taghha.
2. Trid tipprova l-allegat dritt taghha ghall-hlas tal-ammont pretiz.
3. It-talbiet ghandhom jigu michuda ghax infondati fil-fatt u fid-dritt.

II PROVI

1. Dawn li gejjin huma biss siltiet mill-provi migbura u li ghandhom jitqiesu flimkien ma dak kollu li hemm migbur fil-process, inkluzi dokumenti.

2. **Jacqueline Portelli**, li tiehu hsieb l-*accounts* tas-Socjeta' Attrici qalet li din ftehmet mal-Konvenuti dwar gym fil-fond imsemmi fl-AVVIZ u dana skond id-Dok B (*a fol* 3). Saret applikazzjoni mal-MEPA bi spiza ta' €3,929.07 (Dok A minnha preparat u kif elaborat fid-Dok J2 u dan tal-ahhar juri dak li attwalment fadal jithallas). Fir-rigward esibiet id-Dok JP3 u 4-7 dejjem b'gustifikazzjoni ta' dak mitlub jithallas.

3. Il-Konvenuti ddecidew li jtemmu l-kuntratt u hallew warajhom x'jithallas.

4. **Christopher Schinas**, Konvenut qal li ma Grace Borg, direttur dejjem kellu problema ta' komunikazzjoni. Esebixxa bhala Dok CS1, *email* li fiha, qabel telqu, wera l-bilanc li kellhom jatu jigifieri €7,871.29 u dan thallas permezz ta' Dok CS2-4. Fuq wara ta' Dok CS1 hemm "ok thanks Grace". Kull darba li din giet ghal hlas ta' dawl u ilma hallsu bla problema.

5. **Matthew Muscat Inglott**, Konvenut, xehed bl-Ilsien Ingliz. Xehed fl-istess sustanza tal-Konvenut l-iehor u esebixxa Dok MMI u II (*a fol* 52 *et seq*).

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL kif presedut kellha l-vantagg li sama x-xhieda *viva voce* u osserva u qies kollox. Haga mportanti hafna meta tigi biex tiddeciedi kaz fejn il-mizien ma jinzilx fuq keffa wahda kompletament.

2. Ix-xhud Jacqueline Portelli xehdet li kien ilha 20 sena mal-Kumpanija Attrici, fl-ahhar zmnijiet bhala *part-time* u thalli l-impressjoni li hi korretta f'xogholha. Issemmiet Grace Borg, direttur. Dana sar minn naha tal-Konvenuti li pero ma hadux il-hsieb li jtellghuha tixhed biex issostni hlasijiet li jghidu li saru lilha, bl-implikazjzoni li dawn ma gewx imnaqqsa fid-Dok JP2 li hu spjegazzjoni ta' dak mitlub.

3. Fic-cirkostanzi t-TRIBUNAL ihossu konvint, kif mehtieg *in civilbus*, dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba *items* tad-Dok JP2 (€150+€351.50 + €260.91 i.e. €762.41) izda mhux dwar il-bqija u allura qed jiddeciedi konformement ma dan.

4. Hawnhekk it-TRIBUNAL jghid car u tond li l-ewwel zewg eccezzjonijiet, ta' natura preliminari, jqishom bhala frivoli u jiswew biss biex itellfu l-hin prezzjuz tat-TRIBUNAL.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL, meqjus dak imsemmi fit-Taqsima ta’ qabel din u wara li sama s-sottomissjonijiet tad-difensuri **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** t-Talba Attrici fil-*quantum* ta’ seba’ mija tnejn u sittin ewro wiehed u erbghin centezmi (€762.41c) u (2) wara li **jichad** l-ewwel zewg eccezzjonijiet **jilqa** t-tielet wahda limitatament u in kwantu kompatibbli ma dak milqugh dwar it-Talba u (3) **jikkundanna** lill-Konvenuti biex ihallsu, *in solidum* lis-Socjeta’ Attrici il-*quantum* imsemmi ta’ seba’ mija tnejn u sittin ewro wiehed u erbghin centezmi (€762.41c) bl-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (4) dwar spejjes tal-kawza u dawk mitluba fl-AVVIZ **jiddeciedi** li dawn jithallsu kwart mis-Socjeta’ Attrici u tliet kwarti mill-Konvenuti *in solidum*.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------